MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 118/2012

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat, ipprezentat fit-22 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-18 ta' Ottubru 2006 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi huma legalment separati minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 27 ta' Mejju 2009;

Illi peress li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u nkiseb bl-eskluzzjoni taz-zwieg innifsu ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali mizzewga, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effet ai termini tal-artikolu 19 tal-Att XXXVII tal-1975 (Kap 255) tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola z-zwiegijiet.

Talab lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-18 ta' Ottubru 2006 huwa null u bla effett ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra l-intimata;

Rat in-nota tal-intimata C D li permezz taghha qablet li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-18 ta' Ottubru 2006 huwa null u bla effett ghall-istess kawzali msemmija mir-rikorrenti fir-rikors guramentat tieghu;

Rat l-affidavit tal-attur;

Rat li l-konvenuta ma pprezentat l-ebda affidavit jew resqet xi prova;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat.

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-18 ta' Ottubru 2006 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Fatti**

Jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Ottubru 2006 meta l-attur kellu 31 sena u l-konvenuta 28 sena u dan wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin ghal xi snin.

L-attur spjega li kienu ilhom hames snin jafu lil xulxin qabel ma zzewgu u jumejn wara li zzewgu il-konvenuta giet impjegata ma’ kumpanija tal-ajru barranija u marret toqghod Dubai. B'rizultat ta' dan ix-xoghol il-partijiet kienu jghixu hajja separata minn xulxin u kienu jiltaqghu biss meta l-konvenuta kien ikollha xi titjira lejn Malta jew fil-vaganzi jew inkella meta l-attur kien imur okkazjonalment Dubai fejn kienet tirrisjedi l-konvenuta.

B'din il-hajja separata l-attur ma kienx kuntent peress li kien ihoss li ma kienux jghixu bhala ragel u mara mizzewga;

Jghid li ma kienx hemm imhabba u gradwalment iz-zwieg beda jiddeterjora sakemm fis-27 ta' Mejju 2009 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali u fit-18 ta' April, 2012 gie ppronunzjat id-divorzju ta' bejn il-partijiet.

**KUNSENS VIZJAT B’DIFETT SERJU TA’ DISKREZZJONI TA’ GUDIZZJU.**

L-artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi zwieg huwa null jekk l-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Biex l-attur jirnexxi fuq din il-premessa jehtieg li qabel xejn jipprova li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Diskrezzjoni ta’ gudizzju hija spiss riferuta fil-gurisprudenza bhala “disretio judicii”. Gie diversi drabi

ritenut li d-decizzjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta’ xi jfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta.

Artikolu 2 fil-Kodici Civili taht it-titolu “Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin” jipprovdi illi:

”(1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita’ tal-familja.

(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma’ xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skont il-mezzi u l-hilha taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja”

Jirrizulta illi jumejn biss wara li zzewgu, l-konvenuta telqet minn Malta u marret tghix Dubai peress li l-impieg il-gdid taghha ma’ kumpanija tal-ajru estera kien jirrikjedi dan. M’hemmx dubju illi l-konvenuta kienet applikat ghal dan l-impieg qabel ma l-partijiet izzewgu. Jirrizulta ghalhekk illi l-konvenuta gia kellha l-pjan li titlaq id-dar matrimonjali appena tigi ngaggata. Il-prossimita’ bejn id-data taz-zwieg u d-data li fiha telqet mid-dar matrimonjali biex tmur tahdeb fl-esteru jaghti wiehed x’jifhem illi minn qabel izzewget ghall-konvenuta l-impieg li kienet applikat ghalih kien jigi qabel id-doveri matrimonjali taghha.

Il-hajja mizzewga ta’ bejn il-partijiet kienet wahda sporadika u kienu jiltaqghu biss meta l-konvenuta kien ikollha xi titjira lejn Malta u fil-vaganzi. Certament illi min jidhol ghaz-zwieg bil-hsieb li jikkonduci l-hajja matrimonjali b’dan il-mod ghandu l-kunsens tieghu vizzjat.

Ezaminati l-provi mill-ottika tal-Artikolu 19 (d) fuq citat dawn jimmanifestaw sintomi sufficjenti ghall-konvinciment illi l-konvenuta dahlet ghaz-zwieg b’immaturita’ u

impreparazzjoni ghal dak li verament jikkonsisti zwieg. Il-komportament taghha jumejn biss wara li l-partijiet izzewgu huwa indikativ li l-kunsens moghti minnha fil-mument taz-zwieg kien nieqes minn riflessjoni serja ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga. (**Stephen Sciberras vs. Av. Francesco Depasquale et noe.** PA. 9 ta' Dicembru 2002).

Hija l-konkluzzjoni ta' din il-Qorti illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-mizzewgin. Konsegwentement iz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-18 ta' Ottubru 2006 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba attrici u

1. Tiddikjara z-zwieg civili ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-18 ta' Ottubru 2006 huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li ssir l-annotazzjoni relativa fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------